A.L. 7 tal-2021

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 595)

Ordni tal-2021 li Jwaqqaf l-Aġenzija Malta Food

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li Jwaqqaf l-Aġenzija Malta Food.

Twaqqif tal-Aġenzija Malta Food.

2. Għandu jkun hemm Aġenzija, li tkun magħrufa bħala Malta Food, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Aġenzija", li għandha tagħti servizzi pubbliċi fir-rigward ta' ikel mill-biedja u s-sajd.

Responsabbiltajiet tal-Aġenzija.

3. (1) Fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha r-responsabbiltajiet li ġejjin:

(a) timplimenta r-regolamenti u l-politika tal-Gvern fil-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel mill-biedja u s-sajd;

(b) tagħti pariri lill-Ministru u tappoġġja l-politika tal-Gvern fil-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ikel mill-biedja u s-sajd;

(ċ) tirregola l-bejgħ u t-tqegħid fis-suq ta' ikel mill-biedja u s-sajd, u tamministra s-swieq stabbiliti legalment għall-agrikoltura u s-sajd (Pitkalija u Pixkerija);

(d) tappoġġja intrapriżi fis-sistema tal-ikel tal-biedja u s-sajd; u

(e) teżerċita kull funzjoni li tista' tiġi assenjata mill-Ministru responsabbli.

(2) L-Aġenzija għandu jkollha s-setgħa li:

(a) tikkollabora ma' aġenziji oħra, korporazzjonijiet, awtoritajiet, entitajiet governattivi u mhux governattivi u persuni oħra għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha;

(b) tidħol f'arranġamenti ma' korpi pubbliċi, awtoritajiet pubbliċi, dipartimenti tal-gvern, korporazzjonijiet pubbliċi, u kunsilli lokali fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha;

(ċ) tistabbilixxi tariffi għas-servizzi li tipprovdi;

(d) toħloq flussi ta' dħul mill-bejgħ ta' ikel mill-biedja u s-sajd;

(e) timmaniġġja l-finanzi tagħha stess; u

(f) bil-kunsens tal-Ministru, tidħol f'impriżi konġunti jew sħubiji jew ftehimiet oħra biex twettaq kwalunkwe funzjoni tagħha.

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

4. (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-agrikoltura u s-sajd jew kull Ministru ieħor li jista' jiġi nominat għal dak il-għan mill-Prim Ministru.

Kap. 595.

(2) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-Agrikoltura, u s-Sajd għandu jissorvelja l-Aġenzija skont l-artikolu 29 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Iżda l-Prim Ministru jista' jassenja r-responsabbiltà tal-Aġenzija lill-Ministru ieħor u s-superviżjoni tagħha lis-Segretarju Permanenti ta' dak il-ministeru.

Ftehim dwar il-Ħidma tal-Aġenzija.

5. L-operat tal-Aġenzija għandu jsegwi Ftehim dwar il-Ħidma tal-Aġenzija li għandu jsir bejn is-Segretarju Permanenti u Malta Food.

Arranġament finanzjarju. Kap. 601.

6. L-Aġenzija għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor fil-Ftehim bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija, f'liema każ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għandhom jipprevalu.

Jemenda r-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 595.

7. Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih wara l-partita "Aġenzija tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija" għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"Aġenzija Malta Food	Li tagħti servizzi pubbliċi fir-rigward tal-ikel mill-biedja u mis-sajd".